**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**
**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Francene Cini**

Kaz Numru: 700/2015

Illum 14 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata **Francene Cini,** bint Joseph Cini u Gracie neé Butigieg, imwielda fit-12 ta' Novembru 1985, residenti fil-fond Port Mans, Block A, Flat 2, Triq is-Sajjied, Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 886(G), akkuzata talli nhar is-27 ta' Ottubru 2015 ghall-habta tal-5:00p.m. l-Isptar Generali ta' Ghawdex;

1. Insulentat lil Dominic Zammit bi kliem;

F'kas ta' htija ghandu jkun mitlub lill-Qorti tapplika garanzija ai termini tal-Artikolu 383 u 384 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha;

Semghet il-provi;

**Ikkunsidrat:**

**<u>Il-fatti dwar dan il-kaz</u>**

L-imputata u l-kwerelant kienu l-Isptar Generali ta' Ghawdex nhar s-27 ta' Ottubru 2015 wara nofsinnhar minhabba li t-tifla taghhom kellha bzonn kura hemmhekk. Meta l-imputata u Dominic Zammit mit-tabib tal-Isptar staqsihom it-tabib jekk xi hadd minnhom kienx ipejjep, hi rreferit ghall-kwerelant u qalet li "dak coke jiehu".

**<u>Konsiderazzjonijiet Legali</u>**

L-imputata giet akkuzata bir-reat tal-ingurja kif dispost fl-Artikolu 339 (1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li:

> *"e) jagħmel lil ħaddieħor ingurji jew theddid mhux imsemmijin band oħra f'dan il-Kodici, jew jekk ikun ipprovokat, jingurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni"*

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif wkoll komplessivament.

Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti pero thoss li fic-cirkostanzi ghandha tara jekk il-fatti specie tal-kaz jammontawx ghar-reat addebitat lill-imputata.

L-avukat tal-imputata pruvat taghti l-impressjoni fis-sottomissjonijiet finali taghha li l-imputata kienet qeghda tirreferi ghax-xarba Coca Cola bhal Coke u mhux ghad-droga Kokaina. Sal-llum il-Qorti ghadha qatt ma semghet jew rat lil xi hadd ipejjeb il-Coca Cola. Il-mistoqsija tat-tabib kienet cara jekk xi hadd minnhom kienx ipejjep.

Illi l-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda ai termini tal-artikolu 637(1) tal-Kap. 9, u dan billi qieset l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, w ta' fattizzi ohra tax-xhieda taghhom, u jekk ix-xhieda kinitx imsahha minn xhieda ohra, w tara c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi ma hemmx dubbju li din il-kawza tiddependi biss fuq kwistjoni ta' kredibilita ta' xhieda, u dan hu proprju l-ezercizzju li trid taghmel din il-Qorti. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha u thoss li l-alternattivi huma tnejn; jew l-imputata qeghda tghid l-verita meta qalet li dakinnhar ma qalitx dak id-diskors jew mhix. Pero fic-cirkostanzi kif inhuma u kif jirrizultaw fil-process, din il-Qorti trid tasal ghal konkluzzjoni jekk l-imputata mhix hatja tal-kontravenzjoni imputata lilha.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni favorevoli meta si tratta ta' apprezzament ta' xhieda, cioe meta si tratta dwar il-kredibilita ta' xhud u dan ghaliex ghexet il-process, u kienet f'posizzjoni li tara u tisma l-provi viva voce, tara u tezamina l-imgieba u komportament ta' kull xhud (imputata, missierha Joe Cini u l-kwerelant Dominic Zammit), tara x'interess jista jkollu xhud f'dak li xehed (missierha Joe Cini), tara fi ftit kliem jekk dak li qed jghid xhud ghandux verament mis-sewwa jew le.

F'kaz ta' konflitt fil-provi, il-Qorti ghandha tillibera favur l-imputata, pero kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar d-dsatax ta' Mejju 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Charles Ducker** u cioe:

> "*Conflicting evidence per se, does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt, whoever has to judge may, after consideration of all the circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.*"

Il-Qorti tfakkar x'hemm imnizzel fl-artikolu 638(2) tal-Kap 9 li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lil Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi ta' possibilita.

Illi l-Qorti thoss li x-xhieda ta' Domenic Zammit hija veritiera u ghandha mis-sewwa u dan anke wara li kienet analizzata x-xhieda tieghu skont il-gwida tal-Artikolu 637 u 638 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tirrimarka ukoll li kellha cans tanalizza l-komportament tal-imputata meta tat ix-xhieda taghha, l-mod manipulattiv u legger li hadet l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha. Il-Qorti hi konvinta li meta uzat dak il-kliem fil-konfront ta' Zammit, riedet taghmillu l-hsara u tassocjah mat-tehid tad-droga. Inuttli wara tingab l-iskuza li kienet referenza ghall-Coca Cola u mhux ghall-Kokaina.

Ghandu ragun l-kwerelant li jkun insulentat u ingurjat bil-kliem "dak Coke jiehu".

Il-Qorti se ssib lill-imputata hatja u minhabba l-gravita' tal-allegazzjoni li ghamlet fil-konfront tal-kwerelant u thoss li ghandha timponi piena ta' detenzjoni.

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 637, 638, 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ssib lill-imputata hatja skont l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u tikkundannaha ghal xahar detenzjoni.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**